# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 10 ta' Mejju, 2016

**Talba Nru: 765/2015/VG**

**Blue Media Marketing Limited [C-39186]**

**Vs**

**Martin CAMILLERI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fil-15 ta' Settembru, 2015** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tmien mija wiehed u ghoxrin euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' euro [€821.28c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Hlas fl-ammont ta' €821.28 (tmien mija u wiehed u ghoxrin euro u tmienja u ghoxrin cent) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' riklamar u servizzi relatati ordnati mis-socjeta konvenuta liema riklamar u servizzi relatati gew debitament imwettqa mis-socjeta attrici u liema ammont mitlub ma giex imhallas skond ma jirrizulta

mil-anness prospett li jinsab immarkat bhala Dok A, u dana hekk kif jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza odjerna.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet applikabbli skond il-ligi bir-rata ta' milanqas tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq il-valur ta' kull fattura indikata fil-fuq imsemmija prospett (dok. A) mid-dati ta' kul tali fattura sad-data tal-pagament effettiv u bl-applikazzjoni tad-disposti tal-artikolu 26A et seq tal-Kap. 13 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra s-socjeta konvenuta li hija, hekk kif rapprezentata, minn issa stess ingjunta sabiex jidhru ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fl-14 ta' April, 2016 u li baqa' ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Semgha lil Kevin Attard, rapprezentant tas-socjeta rikorrenti jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra li Dr. Jonathan De Maria ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tmien mija wiehed u ghoxrin euro u tmienja u

ghoxrin centezmi ta' euro [€821.28c] rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' riklamar u servizzi relatati ordnati mis-socjeta intimata liema riklamar u servizzi relatati gew debitament imwettqa mis-socjeta rikorrenti.

Ikkunsidra;

2. Kevin Attard ikkonferma bil-gurament tieghu llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

> *(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*
>
> (a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

> *Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*
>
> *(b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew

le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, l-intimat gie debitament notifikat fl-14 ta' April, 2016 u li la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

9. Is-socjeta rikorrenti talbet li l-intimat jigi kkundannat ihallas l-imghaxijiet kummercjali a tenur tal-artikolu 26 [recte: 26A] et seq tal-Kapitolu 13. Ma rrizultax li l-intimat huwa kumpanija hekk kif trid il-ligi u ghalhekk, dan il-kapitolu 13 ma japplikax ghal kaz odjern izda japplikaw id-dispositivi tal-Kapitolu 16.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmien mija wiehed u ghoxrin euro u tmienja u ghoxrin centezmi ta' euro [€821.28c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data minn meta giet dovuta kull fattura indikata fid-dok. A (fol. 3) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**

**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**